Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

9.4.2025

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati – EGF/2024/003/BE/Van Hool - Il-Belġju (2025/0061(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tad-9 ta' April 2025. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, l-opinjoni li tidher hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

A. Billi, fid-29 ta' Ottubru 2024, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni biex jimmobilizza l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691 (ir-Regolament dwar il-FEG), wara s-sensji fid-ditta Van Hool NV fil-Belġju, fis-settur ekonomiku kklassifikat fit-taqsima 29 tal-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers); billi s-sensji mogħtija mill-Van Hool jinvolvu ħaddiema fir-reġjun NUTS 2 tal-Provinċja ta' Antwerp (BE21);

B. Billi l-Belġu ppreżenta l-applikazzjoni fl-ambitu tal-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedu l-waqfien tal-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat jew persuna li jaħdmu għal rashom matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur (f'dan il-każ mit-8 ta' April 2024 sat-8 ta' Awwissu 2024), f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati f'impriżi ta' fornituri u produttur downstream; billi, wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati;

C. Billi l-applikazzjoni tirrigwarda 2 411-il ħaddiem li ngħataw is-sensja (benefiċjarji eliġibbli) li l-attività tagħhom waqfet fis-setturi ekonomiċi indikati hawn fuq;

D. Billi fis-26 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur il-Belġju biex tappoġġja l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' 2 397 benefiċjarju fil-mira;

E. Billi s-sensji fid-ditta Van Hool huma relatati ma' diversi fatturi bħall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq id-domanda għall-kowċis u l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna fuq l-istruttura tal-kostijiet; billi bejn l-2012 u l-2019, il-bejgħ medju ta' Van Hool fl-Ewropa kien ta' 427 unità fis-sena, iżda l-bejgħ naqas għal 287 unità fl-2020, u 128 fl-2021; billi b'riżultat ta' dan il-profitti naqu drastikament, u ż-żieda fl-inflazzjoni u t-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista komplew iżidu l-pressjoni fuq il-marġnijiet tal-intrapriża; billi l-bejgħ irkupra fl-2022 u fl-2023, iżda baqa' f'livelli qrib jew aktar baxxi minn dawk tal-2020; billi l-livelli ta' bejgħ ta' qabel il-pandemija qatt ma reġgħu nkisbu, u Van Hool ġiet ddikjarata falluta mill-Qorti Kummerċjali ta' Mechelen fit-8 ta' April 2024; billi, b'konsegwenza ta' dan, 2 411-il ħaddiem ngħataw is-sensja;

F. Billi skont il-Federazzjoni tal-Intrapriżi Belġjani (VBO), l-industrija Belġjana bħalissa tinsab f'perjodu ta' attività baxxa; billi fl-ewwel nofs tal-2024 intilfu aktar minn 5 000 impjieg fis-settur industrijali minħabba r-ristrutturar u l-falliment ta' kumpaniji bħal Decathlon, Pfizer, Barry Callebaut, Audi u Sappi;

G. Billi ħafna minn dawk li kienu jaħdmu ma' Van Hool jgħixu f'Lier u fil-muniċipalitajiet tal-madwar; billi s-settur industrijali tradizzjonalment kellu rwol importanti f'Lier, u huwa għalhekk li l-fatt li l-industrija sejra ħażin qed ikollu impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol ta' Lier; billi aktar minn 25 % tal-impjiegi f'Lier kienu marbuta mal-industrija fl-2020; billi, madankollu, fl-2023, jiġifieri 3 snin wara, il-perċentwal kien naqas b'aktar minn tliet punti perċentwali; billi l-għeluq tal-intrapriża wassal għal

tfixkil sinifikanti fis-suq tax-xogħol lokali, tant li f'April 2024, ix-xahar li fih Van Hool iddikjarat falliment, il-qgħad żdied bi 32 % f'Berlaar, 23 % f'Heist-op-den-Berg, 17 % f'Nijlen u 14 % f'Lier. Skont is-servizzi tal-impjieg Fjammingi (VDAB), wieħed minn kull għaxar residenti fl-età tax-xogħol spiċċaw qiegħda f'Lier u Berlaar;

H. Billi l-Belġju indika li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar il-FEG; billi t-trade unions u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem huma involuti fl-attivitajiet tal-VDAB fil-livelli kollha;

I. Billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027;

Għaldaqstant, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-objettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji, u li jagħtihom appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati bl-għan li l-benefiċjarji jintegraw mill-ġdid u malajr f'impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew u jingħataw appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u għal dik diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej, tranżizzjonijiet li huma meħtieġa b'mod urġenti; itenni, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, fil-kontribut għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a) tar-Regolament dwar il-FEG huma ssodisfati u li l-Belġju huwa intitolat għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 7 999 015 skont dak ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 85 % tal-kost totali ta' EUR 9 410 607, li jinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 9 034 607 u n-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u riklamar, kontroll u rapportar ta' EUR 376 000;

3. Jinnota l-fatt li l-Belġju pprovda l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa li r-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati u li l-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u l-implimentazzjoni tagħhom;

4. Jinnota li l-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u l-ħaddiema akbar fl-età għandhom ħafna inqas opportunitajiet biex jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol fir-reġjun u li s-sensji fid-ditta Van Hool laqtu l-aktar lil dawn il-gruppi vulnerabbli; ifakkar fil-profil tal-ħaddiema ssensjati, jiġifieri li wieħed minn kull tliet ħaddiema ssensjati għandu aktar minn 50 sena u li tmienja minn kull għaxra għandhom edukazzjoni ta' livell sekondarju jew anqas, u ħiliet skaduti, u jqis li, flimkien max-xejra 'l isfel fil-postijiet tax-xogħol battala u d-distribuzzjoni ġeografika tagħha, il-ħaddiema se jeħtieġu appoġġ addizzjonali mfassal apposta, b'mod partikolari assistenza mmirata li tiffoka fuq it-titjib

tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, biex tgħinhom jirnexxu fit-tranżizzjoni lejn l-impjieg;

5. Jenfasizza li l-Belġju kkonferma li l-miżuri appoġġjati mill-FEG mhuma se jirċievu l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;

6. Jinnota li s-servizzi personalizzati li għandhom jingħataw lill-ħaddiema jikkonsistu mill-miżuri li ġejjin: (a) Konsulent għall-Intervent Soċjali (SIA) u r-reġistrazzjoni tal-ħaddiema, (b) servizzi ta' rikollokament (appoġġ amministrattiv u psikoloġiku, sessjonijiet ta' valutazzjoni personali, valutazzjoni tal-ħiliet diġitali, assistenza fit-tiftix ta' impjieg jew assistenza lejn impjieg indipendenti, pariri dwar in-negozjar ta' kuntratti ta' impjieg eċċ.), (c) appoġġ għat-tiftix ta' impjieg u kollokament f'impjieg, (d) gwida vokazzjonali, (e) taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali, u (f) taħriġ fuq il-post tax-xogħol; minħabba l-età u l-profil tal-edukazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, jenfasizza li l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn il-gruppi għandhom jitqiesu meta jiġu pprovduti s-servizzi personalizzati;

7. Jenfasizza b'mod partikolari l-importanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li l-pakkett ikkoordinat jantiċipa l-perspettivi tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa fil-futur, li jkunu kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli u jiffukaw b'mod partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali; jilqa' l-fatt li t-taħriġ fl-ICT tal-pakkett u l-appoġġ addizzjonali previst fis-servizzi ta' rikollokament jinkludu ħiliet ta' dan it-tip, b'mod partikolari valutazzjoni tal-ħiliet diġitali u miżuri li jagħtu lok lill-ħaddiema li jissellfu laptop, jirċievu taħriġ dwar kif jużawh u jiksbu tweġibiet għall-mistoqsijiet diġitali tagħhom;

8. Ifakkar fil-possibbiltà ta' miżuri speċjali limitati fiż-żmien fil-pakkett ikkoordinat, inkluż, fost l-oħrajn, li jitħallsu l-allowances għall-indukrar tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti.